MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2004

Citazzjoni Numru. 286/1991/1

**Paul Tabone għan-nom u in rappreżent-anza tas-soċjetà *International Cane Limited*, illum magħrufa *Tabbingtons Limited***

***Versus***

**Charles Grech u Joseph Grech f'isimhom proprju u eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem ta' *B.I. Stores***

F'din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħda tfittex li titħallas għal xogħol li għamlet b'appalt.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi l-konvenuti kienu qabbdu lis-soċjetà attriċi tagħmlilhom xogħol b'appalt bil-prezz ta' sitt elef lira (Lm6,000). Wara, il-konvenuti biddlu l-ispeċifikazzjonijiet oriġinali u qabbdu lill-attriċi tagħmlilhom xogħol ieħor, u għal dan l-attriċi għandha tieħu sitt elef, mija u sittin lira (Lm6,160) oħra. Illum, il-konvenuti fadlilhom jagħtu disat elef mija u sittin lira (Lm,9,160), iżda l-attriċi għalxejn sejħitilhom biex iħallsu. L-attriċi għalhekk fetħet din il-kawża u qiegħda titlob illi l-qorti, wara li tillikwida l-bilanċ li fadlilhom jagħtu l-konvenuti fis-somma ta' disat elef, mija

u sittin lira (Lm9,160), jew somma oħra aktar preċiża, tikkundannahom iħallsuha s-somma hekk likwidata flimkien ma' l-imgħax u l-ispejjeż.

Il-konvenuti ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

1. it-talbiet, safejn huma magħmula kontra tagħhom personalment, għandhom jiġu miċħuda għax huma jinnegozjaw f'isem is-soċjetà *B.I. Stores Limited* u dan kien magħruf mill-attur sa minn meta saret l-ordni; għalhekk il-konvenuti ma humiex kontraditturi leġittimi u għandhom jinħelsu mill-ħarsien tal-ġudizzju;
2. il-konvenut imħarrek bħala Charles Grech ma jismux Charles iżda Carmelo, u għalhekk it-talbiet safejn magħmula kontra tiegħu wkoll għandhom jiġu miċħuda;
3. it-talbiet waqgħu bi preskrizzjoni taħt l-art. 2148(*a*) tal-Kodiċi Ċivili;
4. ix-xogħol sar ħażin u mhux kif iridu l-arti u s-sengħa.

B'dikriet ta' l-14 ta' Mejju 1992 inħatar perit tekniku, u b'dikriet ieħor tad-19 ta' Ġunju 1995 inħatar ukoll perit legali biex igħinu. Il-periti ħalfu r-rapport tagħhom fis-17 ta' Ġunju 2003.

Nibdew billi nqisu l-eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti.

L-ewwel eċċezzjoni tgħid illi n-negozju ma sarx mal-konvenuti *proprio* iżda ma' soċjetà kummerċjali.

Min jidher fuq kuntratt (ukoll fuq kuntratt bil-fomm) mhux f'ismu iżda f'isem ħaddieħor għandu l-oneru illi jgħid lill-parti l-oħra li qiegħed jidher f'kapaċità rappreżentativa; fin-nuqqas jitqies illi ntrabat f'ismu *proprio*.

Fil-każ tallum qabel ma sar il-ftehim u nbdew ix-xogħlijiet il-konvenuti aċċettaw stima[1] indirizzata lid-ditta *B.I. Stores*. Ditta ma hijiex ħlief l-isem li bih negozjant imexxi n-negozju tiegħu; ma hijiex persuna legali u l-personalità wara d-ditta tibqa' dejjem dik tan-negozjant stess:

La ditta è il nome con cui il negoziante esercita il commercio. Senza un commerciante non è concepibile una ditta, come non è concepibile un cittadino senza un nome.

La ditta esiste perchè esiste il commerciante, e non ha alcuna esistenza fuori di lui. Chi le attribuisce una personalità giuridica propria e distinta, chi considera il commerciante come il rappresentante della medesima,

---

1 *Fol*. 6.

dice una cosa che non ha senso nè pel diritto, nè per la pratica commerciale. È lui, il commerciante, il solo padrone della ditta, il soggetto dei diritti che si esercitano coll'uso della medesima: in lui, nella sua rettitudine, nella sua solvibilità si affidano i terzi; la ditta non è che un contrassegno per distinguerlo dagli altri commercianti.[2]

Dan ifisser illi meta l-konvenuti għamlu kuntratt bid-ditta *B.I. Stores* mas-soċjetà attriċi kienu qegħdin jagħmlu kuntratt f'isimhom stess.

L-ewwel eċċezzjoni hija għalhekk miċħuda.

It-tieni eċċezzjoni tgħid illi dak li kien imħarrek bħala Charles Grech ma jismux Charles iżda Carmelo.

L-ismijiet iservu biex ikunu identifikati l-persuni. Fil-każ tallum, ma hemmx dubju dwar l-identità tal-konvenut Charles jew Carmelo Grech. Fl-istess dikjarazzjoni maħlufa l-konvenuti jistqarru illi huwa magħruf bħala Charles.

Billi għalhekk is-soċjetà attriċi tassew ħarrket lil min kellha tħarrek, u mhux lil xi persuna oħra, it-tieni eċċezzjoni wkoll hija miċħuda.

Ngħaddu issa biex inqisu t-tielet eċċezzjoni, li hija eċċezzjoni ta' preskrizzjoni taħt l-art. 2148(*a*):

**2148.** L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' tmintax-il xahar:

(*a*) l-azzjonijiet tal-ħajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, ħaddieda, arġentieri, arluġġara u ta' persuni oħra li jaħdmu sengħa jew arti mekkanika, għall-prezz ta' l-opri jew tax-xogħlijiet tagħhom, jew tal-materjal li jfornu;

Id-direttur tas-soċjetà attriċi xehed illi x-xogħol kien tlesta jum qabel ma ntbagħat il-kont lill-konvenuti[3], u l-kont intbagħat fit-23 ta' Novembru 1989[4]: Ix-xogħol għalhekk tlesta fit-22 ta' Novembru 1989. Il-kawża nfetħet fit-12 ta' Marzu 1991, anqas minn tmintax-il xahar wara.

L-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni hija għalhekk miċħuda.

L-aħħar eċċezzjoni hija dwar il-kwalità tax-xogħol; il-konvenuti qegħdin igħidu illi x-xogħol sar ħażin u mhux kif iridu l-arti u s-sengħa. Il-perit tekniku sab illi "ix-xogħol

[2] Cesare Vivante, *Trattato di Diritto Commerciale*, Vol. I, n. 140.

[3] Ara x-xhieda ta' Paul Tabone fis-seduta tas-27 ta' Frar 1992, *fol.* 30.

[4] *Foll.* 7 *et seq.*

kien, u għadu, ta' kwalità tajba, iżda hemm xi xogħol li seta' sar aħjar".

Għalkemm min iqabbad lil min jagħmillu xogħol ma għandux ikun imġiegħel jaċċetta xogħol ħażin jew inferjuri, lanqas jekk ta' dan iħallas prezz anqas, dan ma jfissirx illi l-ħlas isir biss għal xogħol li jkun perfett. Dejjem issib xi ħaġa li "setgħet saret aħjar" iżda b'hekk ix-xogħol ma jsirx xogħol ħażin li ma jistħoqqlux ħlas. In-nuqqasijiet li semma l-espert tekniku ġraw jew għax inbidlu l-ispeċifikazzjonijiet waqt li kien għaddej ix-xogħol, u għalhekk kellhom isiru kompromessi li ma kinux ikunu meħtieġa li kieku kienu maħsuba minn qabel, jew huma ħwejjeġ żgħar li dwarhom jista' jingħad illi *de minimis non curat prætor.*

Il-qorti għalhekk hija tal-fehma illi l-eċċezzjoni illi x-xogħol sar ħażin u mhux kif iridu l-arti u s-sengħa ma għandhiex tintlaqa'.

L-esperti ġudizzjarji għaddew ukoll biex inaqqsu l-prezz li qiegħda tippretendi s-soċjetà attriċi għax dehrilhom li huwa wisq.

Għalkemm huwa minnu illi ma hemmx eċċezzjoni li tgħid illi l-prezz mitlub huwa wisq jew aktar minn dak miftiehem u għalhekk, jekk tidħol fil-kwistjoni jekk il-prezz huwiex xieraq jew huwiex wisq, il-qorti tkun qiegħda taqta' dwar materja illi ma kienx hemm kontestazzjoni dwarha, min-naħa l-oħra s-soċjetà attriċi ma talbitx biss somma speċifika: talbet somma speċifika "jew somma oħra verjuri li tiġi likwidata permezz anke ta' periti". Għalhekk, jekk tqis ir-rakkomandazzjonijiet tal-periti, il-qorti ma tkunx qiegħda tqis dak li ma kienx fil-*litis contestatio*.

Il-prezz b'kollox skond is-soċjetà attriċi kien ta' tnax-il elf, mija u sittin lira (Lm12,160); lill-periti dehrilhom illi prezz xieraq ikun dak ta' tmint elef u sitt mitt lira (Lm8,600), u l-qorti sejra toqgħod fuq dak li irrelataw il-periti. Sar ħlas ta' tlitt elef lira (Lm3,000) akkont u għalhekk fadal bilanċ ta' ħamest elef u sitt mitt lira (Lm5,600).

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta' l-kawża billi, wara li tiċħad l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni u l-eċċezzjonijiet l-oħrajn kollha tal-konvenuti, tikkundanna lill-konvenuti flimkien *in solidum* iħallsu lill-attriċi ħamest elef u sitt mitt lira (Lm5,600) flimkien ma' l-imgħaxijiet mitluba fiċ-ċitazzjoni. L-ispejjeż jinqasmu hekk: is-soċjetà attriċi

tħallas sehem minn erbgħa (¼) u l-konvenuti jħallsu tliet ishma minn erbgħa (¾).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------